# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jeffrey Scicluna]**

**vs**

**Josemar Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 338/2019**

**Illum, 2 ta' Dicembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Josemar Borg** detentur tal-karta tal-identità numru 343286M akkuzat talli:

1. **Fil-10 ta' Ottubru 2018 jew graet ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, aghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn Euro 2750 ghad-dannu ta' Elaine Marie Borg u jew persuni ohra;**

2. **U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur ta' Ottubru Novembru u Dicembru 2018, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f'xi dokument xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz;**

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huma kien gew misjuba hatja u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza partikolarment ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Gabriella James;

Rat li minkejja li d-difiza nghatat iz-zmien sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha dan ma sehhx;

## IKKUNSIDRAT

Illi xehdet l-Ufficjal tal-Probation Gabriella James li tghid li hi kienet giet nominata sabiex issegwi lill-akkuzat Josemar Borg b'dana li jithejja pre-sentencing report fil-konfront tal-istess akkuzat. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. GJ1. Tixhed li l-akkuzat sostna maghha li l-kaz odjern huwa rizultat tad-diversi problemi passati tieghu. Tghid li l-akkuzat kien inqabad fi problema kbira ta' uzura u minhabba f'hekk kien spicca f'dejn kbir ma' diversi nies. Izzid tghid li din il-problema holqitlu tkissir fir-relazzjoni tieghu ma' familtu kif ukoll problemi fuq ix-xoghol. Tghid ukoll li hu ghandu diversi kazijiet simili bhal kaz *de quo* li huwa pendenti. Izzid tghid li l-akkuzat kien anke fittex l-

ghajnuna mal-Agenzija Caritas u kien qieghed jigi segwit minn certu Louis Bellizzi. Tghid li però meta kkomunikat ma' dan Louis Bellizzi, giet infurmata li l-akkuzat ma kienx qieghed izomm mal-appuntamenti tieghu u li kien ilu ma jkollu kuntatt mieghu. Tghid li giet infurmata wkoll li oltrè minn hekk kien ghad hemm djun pendenti.

Tkompli tixhed li meta ghamlet kuntatt ma' missier il-vittma hu stqarr maghha li l-uniku interess li ghandu f'dan il-kaz huwa l-kumpens li kien miftiehem mal-eks Spettur Arthur Mercieca. Tghid li dak iz-zmien l-akkuzat kien digà hallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) izda dawn il-hlasijiet waqfu. Tixhed li l-akkuzat stqarr maghha li hu lest li jhallas il-kumplament tad-dejn li ghandu mal-parte civile. Tirrikonoxxi l-fatt li harsa lejn il-fedina penali tal-akkuzat turi li Josemar Borg digà xellef difrejh mal-ligi fuq kazijiet simili. Izzid tghid li l-akkuzat kellu trobbija tajba u filwaqt li ghandu sapport kontinwu mill-genituri, huwa qieghed jahdem bhala self-employed billi jittrasporta l-ghamara fuq bazi full-time. Tikkonferma li apparti l-problema tal-uzura l-akkuzat ma jbatix mill-problemi ta' drogi jew alkohol.

Tkompli tixhed li hi tirrakkomanda li l-akkuzat ghandu jinghata ordni ta' probation u li wahda mill-kundizzjonijiet ta' tali ordni ghandha tkun li l-akkuzat ikollu jattendi sessjonijiet fi hdan il-Caritas biex jindirizza l-problema tieghu tal-uzura. Rakkomandazzjoni ohra hi li l-akkuzat ghandu jkompli jhallas lura d-dejn pendenti li ghandu mal-vittma.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat frodi. Oltrè minn hekk l-imputat fis-seduta datata tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena 2021 ammetta ghal tali reati.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità ta' dawn l-akkuzi permezz ta' analizi akuta tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-istess akkuzi.

Illi l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq*

*iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin"*

Illi l-Artikolu 188(2) jistipula li kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mhux mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa.

Illi l-ammissjoni tal-imputat giet rregistrata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva però li dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttennni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Gabriella James ikkonkludiet fir-rapport taghha a fol. 36 tal-atti processwali:

> *"Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura, qieghed jigi umilment issuggeri lil din l-Onorabbli Qorti li Josemar Borg jinghata Ordni ta' Probation skont l-artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-massimu taghha. Kif ukoll, qed jigi rakkomandat li wahda mill-kundizzjonijiet tal-Probation tkun li Josemar Borg ghandu jattendi ghal sessjonijiet fi hdan il-Caritas sabiex jindirizza l-problema tal-uzura. Qieghed jigi ssuggerit ukoll li l-imputat ghandu jhallas lura lill-vittma, Elaine Marie Borg, il-kumpens totali li kien miftiehem flimkien mal-Pulizija. F'kaz li din l-onorabbli Qorti tilqa' din ir-rakkomandazzjoni, jinhass il-bzonn li l-pimputat jifhem sew id-dmirijiet tieghu waqt tali ordni, kif ukoll il-konsegwenzi f'kaz li jonqos li jsegwi d-direttivi moghtija lilu."*

Illi ghandu jigi nnutat li stante li ma giet ipprezentata ebda sentenza li nghatat fil-konfront tal-akkuzat, il-Qorti ma hiex sejra tapplika d-dispozizzjonijiet tar-recidivizmu ghal kaz *de quo*.

**IKKUNSIDRAT**

Illi rigward il-piena din il-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George Zammit</u>** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

> *"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-akkuzat kien inkonsistenti ghall-ahhar fl-obbligu tieghu li jhallas lura l-flejjes li akkwista billi inganna lill-parte civile. Il-Qorti tigbed attenzjoni wkoll ghan-nota pprezentata mill-Ufficjal tal-Probation Gabriella James datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 2024 li tghid hekk:

*"Biss, huwa naqas milli jattendi ghall-appuntament skedat fis-7 ta' Frar 2024 u Ghaldaqstant ma kienx possibbli li jigi skedat appuntament iehor. Sussegwentement, Josemar inghata appuntament iehor ghat-12 ta' Gunju 2024 permezz ta' ittra, biss huwa m'attendiex.*

*Ghaldaqstant, rizultat tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-imputat, l-Ufficjal tal-Probation hija limitata li toffri informazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti dwar l-andament ta' Josemar Borg. F'dan l-istadju l-Ufficjal tal-Probation thoss li l-Ordni imposta fuq Josemar Borg mhux qed thalli rizultat pozittiv kif mixtieq u b'hekk, l-Ufficjal sottoskritta qeighda ssib diffikulta` li taqdi dmirijietha billi tkun tista' ssegwi lill-imputat u toffri l-assistenza taghha fir-rigward il-bzonnijiet tieghu. Ghaldaqstant, l-Ufficjal tal-Probation titlob gwida minn din l-Onorabbli Qorti biex tiehu l-passi li jidhrilha xierqa."*

Illi huwa minnu li kien hemm zmien fis-sena 2024 li minhabba azzjonijiet industrijali s-servizz tal-Probation ma kienx qieghed jopera. Dan però ma jfissirx li l-akkuzat ghandu jigi jaqa' u jqum

mir-responsabilitajiet tieghu. Din il-Qorti tfakkar fl-ahhar mill-ahhar li l-istess akkuzat ammetta ghall-akkuzi maghmulin fil-konfront tieghu.

Illi tenut kont tar-rakkomandazzjonijiet kif ukoll tal-fatt li ghalkemm l-akkuzat f'seduti ricenti ma kienx qieghed izomm mal-kelma tieghu li jrodd lura l-flejjes dovuti, din il-Qorti, filwaqt li tqis li piena karcerarja mhix ser taghmel gid lill-akkuzat xorta thoss li l-istess akkuzat m'ghandux jibbenifika mis-servizz offrut mill-Ufficjali tal-Probation. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-Ufficjal assenjata mieghu kkonkludiet li qieghda ssib diffikultà kbira sabiex toffri l-ghajnuna lill-akkuzat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28H, 31, 188(2) u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ssib lill-akkuzat **Josemar Borg** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn

flimkien ma' Ordni ta' Restituzzjoni taht l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9, tas-somom dovuti lill-parte civile ammontanti ghal elf u mitejn u hamsin ewro (€1,250) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, u liema ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lil **Josemar Borg** bi kliem car r-responsabbilità tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**